**5 ta' April, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Victor Quintano

*versus*

Georgina mart Francis Calleja *et*

**"*Promessa de Rato*" – Preskrizzjoni – "Dies a Quo"**

*Il-Qorti ma tifhimx kif qatt il-konvenuti jistgħu jippretendu li l-Qorti tiddeċidi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mingħajr ma tindaga minn meta dik l-allegata preskrizzjoni setgħet tibda tgħaddi, għaliex hija l-liġi li tistabbilixxi f'kull każ id-dati li minnhom tibda tiddekorri u li fiha jagħlaq kull perijodu ta' preskrizzjoni.*

*L-azzjoni għad-danni ta' l-attur kontra l-konvenuti toriġina mill-fatt illi John Mizzi rrifjuta s-sollecitazzjoni tagħhom li jirratifika l-bejgħ tas-sehem tiegħu, liema ratifika l-istess konvenuti kienu ppromettew lill-attur.*

*Għalhekk l-azzjoni għad-danni titwieled minn dakinhar li John Mizzi rrifjuta dik ir-ratifika u mhux meta l-istess John Mizzi għalaq 18-il sena.*

1. Fid-19 ta' Frar, 1972, il-konvenuti biegħu lill-attur, tliet partijiet indiviżi, minn ħamsa, tal-*garage*, 17/80, Villambrosa Street, Ħamrun. Huma obbligaw ruħhom u wegħdu li John Mizzi, proprjetarju ta' kwint (1/5) indiviż, li kien għadu minorenni, jirratifika l-bejgħ. Billi dan John Mizzi qed jirrifjuta li jesegwixxi din ir-ratifika u l-attur qed isofri danni minħabba dan ir-rifjut; l-attur talab il-Qorti Ċivili, Prim'Awla biex tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli għad-danni li qed isofri liema danni għandhom jiġu llikwidati mill-Qorti u mħallsa lill-attur mill-konvenuti;

2. Il-konvenuti eċċepew il-preskrizzjoni msemmija fl-artikolu 226(f) (illum 2156(f) tal-Kap. 12);

3. L-imsemmija Qorti, ċaħdet l-eċċezzjoni u spjegat illi:

"1. Ovvjament l-artikolu invokat mill-konvenuti huwa l-lum 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16. Dan jiddisponi li huma preskritta bl-egħluq ta' ħames snin l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull

kreditu ieħor (jiġifieri li mhux kreditu minn dawk ġà speċifikati fis-subinċiżi preċedenti ta' l-istess artikolu 2156) meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond xi liġi, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;

2. Il-fatti tal-kawża huwa li fid-19 ta' Frar, 1972, l-attur xtara l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni mingħand il-konvenuti Georgina Calleja, Doris Barbara u Inez Grech, allura xebbiet aħwa Mizzi. Dawn it-tliet konvenuti dehru fuq il-kuntratt relattiv f'isimhom proprju kif ukoll bi *"promessa de rato"* ta' ħuthom Bartolomeo u John aħwa Mizzi. John Mizzi allura kien għadu ta' età minuri;

3. In segwitu, wara li John Mizzi kien għalaq it-tmintax-il sena, huwa rrifjuta li jirratifika l-vendità msemmija favur l-attur. Dan għalhekk ipproċeda fil-kawża odjerna;

4. L-azzjoni hija bbażata fuq l-artikolu 999(2) Kap. 16. Dan jgħid illi wieħed jobbliga ruħu lejn ieħor, billi jwiegħed xi ħaġa li għandha tiġi magħmula minn persuna oħra; iżda, f'dan il-każ, tesegwixxi l-obbligazzjoni, dak li jkun obbliga ruħu jew iwiegħed it-twettiq ta' l-obbligazzjoni, ikun suġġett biss għall-ħlas tal-ħsara;

5. Bil-komparazzjoni tagħhom fuq il-kuntratt bil-*promessa di rato* ta' ħuhom John Mizzi, il-konvenuti obbligaw irwieħhom versu l-attur da parti tiegħu tal-vendità ta' sehmu mill-fond lill-attur;

6. L-attur jirritjeni li l-preskrizzjoni kwinkwennali ssollevata mhux applikabbli għall-azzjoni tiegħu, u dan għal żewġ raġunijiet esposti fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu. L-

ewwelnett għaliex l-artikolu 999(2) Kap. 16 fuq iċċitat, li fuqu hi bbżata l-azzjoni, jagħti dritt għall-ħlas ta' **ħsara** u mhux ta' **danni**. Ma jidhirx li l-adoperament tal-kelma "ħsara" minflok "danni" jagħmel differenza almenu għal dak li jirrigwarda l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni;

7. It-tieni raġuni għall-opposizzjoni ta' l-attur għall-eċċezzjoni ssollevata hi li l-preskrizzjoni disposta bl-artikolu invokat 2156(f) Kap. 16, ma tapplikax għal, kif jgħid hu, "**obbligazzjoni** li tirriżulta minn att pubbliku". Jiġi ppreċiżat li l-artikolu 2156(f) Kap. 16 ma jsemmix obbligazzjonijiet. Jgħid li l-**krediti** li jirriżultaw minn kuntratt pubbliku m'humiex preskrivibbli b'ħames snin;

8. Il-kreditu talvolta dovut lill-attur fil-każ preżenti jikkonsisti fil-kumpens għad-danni, jew għall-"ħsara". Dan il-kreditu ma jirriżultax mill-kuntratt li sar bejn il-kontendenti jew minn xi kuntratt pubbliku ieħor. Għalhekk il-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenuti hija applikabbli għall-azzjoni attriċi;

9. Il-preskrizzjoni eċċepita hija kwinkwenali. Il-konvenuti jippretendu, kif issottomettew fit-trattazzjoni orali, li t-terminu relattiv għandu jiddekorri mid-data li fiha John Mizzi għalaq it-tmintax-il sena, u hekk sar kapaċi jirratifika l-bejgħ in kwistjoni. It-tmintax-il sena John Mizzi għalaqhom **fid-29 ta' Ġunju, 1972**. Għalhekk skond il-konvenuti, iċ-ċitazzjoni odjerna, ippreżentata **fl-1985**, kjarament saret wara li kien skada t-terminu preskrittiv;

Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni, però, "tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata" (artikolu 2127 Kap. 16). Jidher li l-azzjoni odjerna ma setgħetx tiġi eżerċitata fid-19 ta'

Ġunju, 1972, meta John Mizzi għalaq it-tmintax-il sena, għar-raġuni segwenti;

11. Kif ġà ntqal fil-paragrafu 5 hawn fuq, il-konvenuti obbligaw irwieħhom ma' l-attur li jottjenu mingħand John Mizzi r-ratifika tiegħu tal-vendità lill-attur. Ma rriżultax li ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni tal-konvenuti; u dik l-esekuzzjoni peress li John Mizzi kien minuri, ma setgħetx ovvjament tiġi effettwata minnufih. Lanqas kellu wieħed jifhem li dik ir-ratifika kellha ssir appena Mizzi jsir maġġorenni, aktar u aktar meta, kif jidher, f'dik id-data huwa kien imsiefer. Għalhekk japplika **l-artikolu 1077 Kap. 16** li jiddisponi li f'każ simili ż-żmien għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni jiġi, jekk ikun hemm bżonn, stabbilit mill-Qorti;

12. Fiċ-ċirkostanzi jidher li kien hemm il-bżonn li dan iż-żmien jiġi hekk stabbilit. Ma jirriżultax li qatt ġie stabbilit dan iż-żmien. Għalhekk it-terminu preskrittiv applikabbli għadu ma bediex jiddekorri;

Għal dawn il-motivi tiċħad l-eċċezzjoni msemmija tal-preskrizzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti kollha";

4. Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza għaliex (a) il-Qorti minn jeddha, invokat l-art. 2137 Kap. 16, li mhux applikabbli għall-każ; u l-attur stess fl-ebda mument ma għażel li jipprevalixxi ruħu minn dan l-artikolu; (b) illi l-attur seta' jipprevalixxi ruħu mill-*"promessa di rato"* sa mid-29 ta' Ġunju, 1972, meta John Mizzi għalaq 18-il sena u l-ħames snin ta' preskrizzjoni jiddekorru minn dakinhar; (ċ) lanqas ma huwa rilevanti l-art. 1077 Kap. 16, imsemmi mill-Qorti;

5. (a) Hija kompletament infondata l-kritika tal-konvenuti li l-Qorti ma misshiex invokat l-art. 2137 Kap. 16:

Bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss'';

Fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 1990, ġie verabalizzat illi:

''il-konvenut John Mizzi għalaq 18-il sena fid-29 ta' Ġunju, 1972, u l-konvenuti jippretendu **li l-preskrizzjoni ta' ħames snin tibda tgħaddi minn dakinhar**'';

Il-Qorti ma tifhimx kif qatt – anki kieku ma kienx hemm dan il-verbal – il-kovnenuti jistgħu jippretendu li l-Qorti tiddeċidi l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni **mingħajr ma tindaga** minn meta dik l-allegata preskrizzjoni setgħet tibda tgħaddi, għaliex hija l-liġi li tistabbilixxi **f'kull każ** id-dati li minnhom tibda tiddekorri u li fiha jagħlaq kull perijodu ta' preskrizzjoni, u għalhekk la l-konvenuti eċċepew il-preskrizzjoni ta' ħames snin – anki kieku l-partijiet ma jgħidu xejn – il-Qorti dejjem u f'kull każ, trid tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tirrikorri, u meta mhix awtorizzata mill-provi tal-pretensjoni li tistabbilixxi dik id-data, awtomatikament trid tiċħad l-eċċezzjoni. Hawnhekk il-pretensjoni tal-konvenuti hija rreġistrata u għalhekk, biex il-Qorti tkun tista' tiddeċidi dan il-punt, hija obbligata li tirriferixxi għad-direzzjoni li hemm fil-Kodiċi Ċivili biex tiddeċidi **skond il-liġi;**

(b) It-tieni aggravju jimplika neċessarjament eżami u kjarifika rigward in-natura ta' l-azzjoni eżerċitata. L-azzjoni

għad-danni ta' l-attur kontra l-konvenuti toriġina mill-fatt illi John Mizzi rrifjuta s-sollecitazzjoni tagħhom li jirratifika l-bejgħ tas-sehem tiegħu, liema ratifika l-istess konvenuti kienu ppromettew lill-attur. Għalhekk l-azzjoni għad-danni titwieled minn dakinhar li John Mizzi rrifjuta dik ir-ratifika u mhux meta l-istess John Mizzi għalaq 18-il sena. Minn dakinhar li John Mizzi għalaq żmienu, l-istess John Mizzi seta' jirratifika imma l-azzjoni ta' l-attur għad-danni kontra l-konvenuti setgħet issir mhux minn din id-data ta' maturità, imma mid-data tar-rifjut ta' John Mizzi. Dak ir-rifjut, skond id-dokument RM1 – ipprezentat f'dan il-grad – jirriżulta li sar permezz ta' ittra ta' l-avukat ta' John Mizzi, fl-**4 ta' Novembru, 1983**, waqt li ċ-ċitazzjoni preżenti ġiet ippreżentata fis-**27 ta' Ġunju, 1985**. Ebda preskrizzjoni ta' ħames snin, kif pretiża fl-eċċezzjoni tal-konvenuti, ma tista' tiġi applikata;

6. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell tal-konvenuti huwa miċħud – u s-sentenza appellata – bil-korrettivi hawn imsemmija – hija rriformata, imma sostanzjalment ikkonfermata;

Spejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

L-atti għandu jintbagħtu lura lill-ewwel Onorabbli Qorti għad-dovuta kontinwazzjoni.